- *ARTIKOLU 838 A TAL-KAP 12 –*
- *ARTIKOLU 836 –*
- *ART. 836 (7) U ART. 838 A ; DIFFERENZA BEJNIETHOM –*
- *ARTIKOLU 866 TAL-KAP 12 –*
- *ARTIKOLU 1045; DANNI REJALI U EFFETTIVI –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 13**
**Rikors Numru: 812/00/RCP**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 4907/99 fl-ismijiet:-**

**Joseph Demicoli**

**vs**

**Coleiro General Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ir-rikors tat-2 ta' Mejju 2000 tas-socjeta' Coleiro General Supplies Limited a fol. 1 u 2 fejn esponiet:-

Illi l-intimat Joseph Demicoli hareg Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ghall-ammont ta' disgha u sebghin elf lira Maltin u tmien mitt lira (Lm79,000) numru 4907/99 fl-ismijiet *"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"*, kopja esebita Dok "A"; illi s-socjeta' esponenti gabet garanzija bankarja u permezz ta' Cedola ta' Depositu 1125/99 kopji esebiti Dok "B" u "C" u ottjeniet il-hrug tal-kontromandat opportun, kopja esebita Dokument "D";

Illi dan ir-rikors qed jigi propost quddiem il-Qorti li quddiemha hija pendenti l-kawza u l-espozizzjoni hija illi s-socjeta' rikorrenti qed issofri danni kbar minhabba dan is-sekwestru kawtelatorju. L-esponenti tfakkar l-ewwelnett illi l-process tal-kawza ghadu ghaddej u ma hemm b'ebda mod gudikat finali u fic-cirkostanzi is-socjeta' attrici kienet kostretta illi zzid il-garanziji mal-Bank u jaghtu garanziji personali l-azzjonisti sabiex issir din il-garanzija - inoltre l-ammont li gie utilizzat mill-Bank biex jaghmel tajjeb ghal din il-garanzija tnaqqas mill-flus li kieku jiddawru kommercjalment;

Illi l-esponenti qed jesebixxi kalkoli u maghmula mill-awdituri tas-socjeta' rikorrenti fejn jirrizulta illi t-telf fuq

medda ta' erba' snin jitla' ghal ammont ta' mitejn u disat elef Lira Maltin (Lm209,000);

Illi kontra l-argument illi l-intimat irid garanzija f'idejh illi jekk jottjeni sentenza fuq il-mertu jkollu fuqhiex jesegwixxi, japplika l-argument tas-socjeta' rikorrenti illi f'kaz ta' gudikat favorevoli favur taghha, ghandu jkollha assi fuqhiex tesegwixxi id-danni u dana dejjem fl-isfond li nghad tal-kawtelatorju u mhux tal-ezekuttiv;

Illi l-esponenti xtaqu ghalhekk jitolbu illi din il-Qorti a tenur ta' l-**artikolu 838A** tiffissa garanzija ghal danni, imghax u penali li jista' jigi kkundannat ghalihom l-intimat,

Illi ghaldaqstant r-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti li din joghgobha a tenur ta' l-**artikolu 838A tal-Kodici ta' Procedura Civili** timponi fuq l-intimat Joseph Demicoli li jgib f'terminu garanzija sufficjenti ghal hlas ta' danni imghax u penali f'terminu li jigi minnha mpost u fin-nuqqas tordna r-revoka ta' tali Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju.

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.

Rat ir-risposta ta' Joseph Demicoli tad-29 ta' Mejju 2002 a fol. 14 u 15 tal-process fejn espona bir-rispett:

1. Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors biss fl-ismijiet premessi, prezentati mis-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Mejju 2000, u ma giex notifikat la bid-dokumenti esebiti u lanqas

bid-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Mejju 2000. Madanakollu l-esponenti ghamel l-indagini tieghu fir-Registru ta' dawn il-Qrati u, wara li prezenzjalment jaghti ruhu b'notifikat bl-atti odjerni, stante li nghatat ordni sabiex l-esponenti jipprezenta risposta, l-esponenti qieghed jimxi mad-direttivi tal-istess Qorti, *sia pure, purtroppo* apprentement tardivament, u dan mhux b'ebda tort tieghu.

2. Illi l-esponenti jirriserva d-dritt, li wara li l-konvenut/rikorrrenti jesebixxi l-kalkoli matematici tal-awdituri tieghu li huwa qal li esebixxa mar-rikors u li, pero`, ma jirrizultawx li gew prezentati, huwa jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri u dan dejjem jekk ikun il-kaz.

3. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghall-**artiklu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, li huwa l-pern tar-rikors promotur, u jissottometti illi din il-Qorti hija llum esawtorata milli tiehu konjizzjoni tar-rikors u dan ghar-raguni semplici li anke jekk l-istess Onorabbli Qorti kellha tilqa', ghall-grazzja tal-argument, is-sottomissjoni tal-konvenut/rikorrenti u timponi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u l-attur/esponenti ma jiddepozitax l-imsemmija somma li tigi hekk stabbilita mill-Qorti, din il-Qorti ma tista' qatt tordna t-tnehhija tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni *stante* li dan, illum, ma ghadux jezisti.

4. Illi kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti, partikolarment id-Dok "D", mill-konvenut/rikorrenti stess il-mandat ta' sekwestru numru 4907/99 li gie prezentat fil-11 ta'

Novembru 1999 tnehha bl-effetti tal-kontro-mandat numru 5052/99 li gie prezentat fil-19 ta' Novembru 1999 u kwindi din il-Qorti ma ghandha ebda mandat x'tordna li jigi mnehhi. Inoltre wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi dan ir-rikors gie prezentat sitt xhur u nofs wara li kien gie prezentat il-mandat ta' sekwestru u ghalhekk, jekk ghall-ebda raguni ohra, l-istess rikors ghandu jigi michud ghax sar tard hafna.

5. Bla pregudizzju ghall-premess sabiex il-konvenut/rikorrenti jista' jipprocedi *ai termini* tal-artikolu minnu citat huwa ghandu jipprova li huwa jrid ikollu kawza gusta u cjoe` li l-mandat kawtelatorju – f'dan il-kaz ta' sekwestru – li huwa jkun irid inehhi nhareg vessatorjament.

6. Illi huwa sottomess illi fil-fatt tali mandat ma nharigx vessatorjament u infatti hemm kawza li ssostni l-imsemmi mandat u f'din il-kawza din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace LL.D., hatret zewg esperti, wiehed tekniku u iehor legali, sabiex jezaminaw l-ilment tal-attur/esponenti u jirrelataw dwar il-fondatezza tac-citazzjoni dejjem wara li jaraw l-eccezzjonijiet tal-konvenut/rikorrenti. In vista tal-mertu tal-kawza, din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li solitu isir dejjem kellha tahtar espert barrani in vista tal-fatt li l-ilment tal-attur/esponenti ma jistax jigi ezaminat minn espert Malti ghax ma hawn hadd f'Malta li ghandu l-kwalifiki necessarji sabiex jaghmel l-ezamijiet necessarji. Kwindi altru milli hija xi kawza frivola u vessatorja.

7. Illi kieku kellha tigi milqugha t-talba tar-rikorrenti/konvenut dan ikun ifisser li kwalsiasi attur li jippretendi li ghandu ilment serju kontra haddiehor, ma jista' qatt jistitwixxi proceduri kawtelatorji u allura dan l-istitut jista' jigi mnehhi mill-Kodici ta' Procedura nostrana darba ghal dejjem. Dawn il-qrati gja` kellhom l-okkazjoni li jiddeciedu rikorsi simili u meta ntweriet bic-car li l-ilment tal-attur ma hux wiehed kapriccuz, allura huma dejjem sostnew illi l-istess mandat kawtelatorju ma ghandux jigi rimoss u ma ghandha tinghata ebda garanzija lill-konvenut da parte tal-attur. Huwa gja` bizzejjed li l-konvenut ikun ikkawza danni serji lill-attur u jkun gabu, kif jghid il-Malti, gharkuptejh, finanzjarjament, u kwindi dan ma jkunx f'posizzjoni li jipprovdi ebda garanzija ghar-reklam tal-konvenut. Ma jistax l-attur, ghalhekk, jigi penalizzat ghal darba ohra u cjoe` darba bl-effetti tan-nuqqasijiet tal-konvenut u darb' ohra bl-effetti tal-ordni tal-Qorti.

8. Illi l-Qorti hija hemm biex taghmel gustizzja mal-partijiet u certament dawn l-emendi li saru ghall-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili ma humiex intizi u ma jistghux jigu utilizzati sabiex ikissru u jistultifikaw il-procediment gudizzjarju.

Ghal dawn il-motivi t-talbiet tal-konvenut/rikorrenti ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbali tat-30 ta' Mejju 2000; tat-8 ta' Gunju 2000; tal-20 ta' Gunju 2000 fejn xehdu Paul Coleiro u Dr. Anthony J. Cassar; tal-4 ta' Ottubru 2000 fejn rega' xehed Dr. Anthony Cassar. Dr. Patrick Galea rrileva l-kwistjoni tar-rilevanza *o meno* ta' l-esibizzjoni tal-*financial statements* f'kawza fejn qed tintalab garanzija konsegwentement ghall-hrug ta' sekwestru u mhux ir-revoka ta' l-istess mandat, jitlob ukoll li f'kaz li dawn jigu esebiti kif jipprovdi l-Kodici tal-Kummerc ikunu accessibli ghall-partijiet u l-avukati biss.

Illi Dr Schembri jirrileva illi fil-paragrafu 3 tar-rikors tas-socjeta' konvenuta hemm indikat:

i. Illi hu qed jesebixxi kalkoli maghmula mill-awdituri, liema dokumenti fil-fatt ma kienux gew prezentati mar-rikors.

ii. Illi r-rikorrenti qieghed jibbaza t-talba tieghu ta' danni fl-ammont ta' Lm209,000 fuq medda ta' erba' snin li qed jissemmew huwa erba' snin fil-futur u kwindi gew bazati fuq il-kalkoli precedenti preparati mill-Awdituri u ghaldaqstant tali dokumentazzjoni ghandha tigi esebita biex tkun tista' tigi kontrollata.

Il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti u tawtorizza l-produzzjoni ta' l-istess dokumenti b'dan li dawn id-dokumenti jkunu accessibli biss ghall-partijiet fil-kawza u d-difensuri taghhom u l-Qorti. Ix-xhud esebixxa bhala

Dokument AJ1 l-*Audited Financial Statements* ghas-sena li spiccat 1999.

Rat il-verbali tad-19 ta' Ottubru 2000; tat-2 ta' Novembru 2000 fejn xehdu Dr. Anthony Cassar u Paul Coleiro; tas-6 ta' Dicembru 2000; tat-28 ta' Frar 2001; tat-22 ta' Mejju 2001 fejn rega' xehed Paul Coleiro; tal-5 ta' Lulju 2001 fejn Dr. Joseph Schembri ddikjara l-provi tal-intimat maghluqa; tas-27 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Patrick Galea ghar-rikorrenti prezenta nota t'osservazzjonijiet b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat l-istess nota esebita minn fol. 146 sa 151.

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 2002 fejn Dr. Joseph Schembri ghall-intimat irrimetta ruhu u talab zmien biex jipprezenta n-nota tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu sa l-ahhar ta' Marzu ghall-prezentata tal-istess bil-visto/notifika tal-kontro-parti. Ir-rikors gie differit ghal digriet finali ghall-lum 30 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Joseph Demicoli esebita minn fol. 154 sa 156 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi r-rikors tas-socjeta' konvenuta fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** llum pendenti quddiem din il-Qorti qed issir *ai termini* tal-**artikolu 838A tal-Kap** li jipprovdi li:-

*"Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhereg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghal hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju".*

Illi jigi rilevat li mkien fl-istess rikors u lanqas mill-provi l-istess rikorrenti ma kkontesta l-hrug tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru da parte tal-attur, illum l-intimat fil-proceduri odjerni, u senjatament ma gie ndikat u lanqas allegat bl-ebda mod li l-mandat in kwistjoni inhareg mill-intimat b'mod abbusiv jew vessatorju, lanqas fuq bazi ta' *prima facie.*

Illi ghalhekk jidher car li t-talba li ghamlet is-socjeta' rikorrenti ma hija bbazata fuq l-ebda wahda mill-premessi indikati fl-**artikolu 836 tal-Kap 12,** u allura qed jigi eskluz *a priori,* l-applikazzjoni tal-istess artikolu appena citat fis-sens li t-talba tar-rikorrenti ma hijiex bazata fuq l-possibilitajiet indikati fl-istess artikolu u cjoe`:-

(a) procedura abbazi tal-**artikolu 836 (1)** fejn ghar-ragunijiet hemm indikati l-istess rikorrenti jitlob ir-revoka tal-mandat kawtelatorju fejn fost il-kawzalijiet hemm *inter alia* dik li hemm garanzija xierqa ohra biex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimat odjern, u wkoll li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li tali mandat jibqa' fis-sehh, apparti li jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew eccessiv.

(b) procedura abbazi tal-**artikolu 836 (7**) jinghad *"li minkejja li tigi depozitata fir-registru tal-Qorti garanzija xierqa sabiex tigi sodisfatta t-talba tal-persuna, li fuq talba taghha, l-att kawtelatorju jkun inhareg, il-Qorti li tkun harget il-kontro-mandat that id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ghadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax issir jew le, u l-Qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis ta' l-ammont ta' garanzija depozitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-ligi, f'liema kaz ta' l-ahhar ghandha tordna li l-att kawtelatorju jigi revokat".*

(c) procedura skond l-**artikolu 836 (8)** fejn il-persuna li kontra taghha inhareg il-mandat kawtelatorju tista' jekk tigi ppruvata wahda mill-kawzali indikati fil-paragrafi **(a) sa (d)** tal-istess subartikolu titlob li l-parti thallas penali ta' bejn Lm500 u Lm3,000.

(d) procedura b'citazzjoni skond l-**artikolu 836 (9)** fejn tissussisti wahda mir-ragunijiet indikati fl-**artikolu 836 (a)**

**sa (d)** persuna li kontra taghha ikun inhareg mandat kawtelatorju, tipprova li soffriet danni kawza ta' tali hrug abbuziv ta' mandat kawtelatorju, u tigi kkundannata thallas l-istess danni.

Illi kif inghad l-istess rikorrenti odjerna ma utilizzax il-procedura taht l-**artikolu 836 tal-Kap 12,** liema proceduri huma kollha konsegwenti ghat-talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fuq il-bazi li tali mandat inhareg abbuzivament jew fuq ir-raguni migjuba skond l-**artikolu 836 (1)** jew **l-artikolu 836 (8).**

Illi pero' taht il-procedura abbazi tal-**artikolu 836** hemm eccezzjoni ghal din ir-regola, u din hija kontemplata taht l-**artikolu 836 (7)** stante li mill-istess subartikolu jidher li fil-kaz biss ta' meta *"tigi depositata fir-registru tal-Qorti garanzija xierqa sabiex tigi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba taghha, l-att kawtelatorju jkun inhareg",* u allura l-istess mandat kawtelatorju ma jkunx ghadu *in vigore* ghaliex ikun hareg kontro-mandat, f'dan il-kaz l-istess Qorti tista' tordna it-tnaqqis ta' l-ammont ta' garanzija.

Illi ghalhekk huwa ovvju li f'din ic-cirkostanza biss u cjoe' meta tkun saret garanzija idoneja u l-mandat kawtelatorju jkun gja mnehhi li din il-Qorti tista' tagixxi anke *ai termini* tal-**artikolu 836,** u dan limitatament sabiex tnaqqas l-istess garanzija offruta mill-intimat fil-mandat, jekk jigi ppruvat li l-istess mandat ma setax isir skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi fil-fatt l-istess **artikolu 836 (7)** jipprovdi ulterjorment li fejn l-istess att kawtelatorju jkun ghadu fis-sehh, f'dan il-kaz, u f'dan il-kaz biss tista' tordna li *"l-att kawtelatorju jigi revokat".*

Illi dan huwa ovvju u logiku ghaliex fejn ikun tnehha l-istess att kawtelatorju minhabba l-garanzija offerta ma hemm l-ebda lok ghal talba sabiex jigi revokat il-mandat prekawzjonali. Dan huwa rifless mid-dicitura nnifisha tal-istess subartikolu li jipprovdi li l-Qorti tista' tordna t-tnaqqis tal-garanzija depozitata *"jew tiddikjara li l-att kawtelatorju kontra l-ligi, f'liema kaz* <u>*ta' l-ahhar*</u> (ovvjament li jirreferi ghad-dikjarazzjoni mill-Qorti dwar l'illegalita' tal-istess mandat) *ghandha tordna li l-att kawtelatorju jigi revokat".*

Illi dan l-ezercizzju qed issir mill-Qorti, ghaliex ghalkemm jidher car li r-rikorrenti odjern ma ghamilx it-talba odjerna abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12,** fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu huwa rrefera ghall-istess **artikolu 836 (7)** u sostna li la darba l-Qorti taht l-istess subartikolu xorta qed tezamina l-mandat kawtelatorju nonostante l-fatt li tali att prekawzjoni jkun gja revokat minhabba l-garanzija offruta, dan allura ifisser fir-rigward tal-applikazzjoni tal-**artikolu 838A,** li abbazi tieghu sar ir-rikors odjern li:-

*"minkejja li jsir depozitu w allura prevedibilment isir kontro-mandat, huwa car illi t-test legislattiv ma riedx jissotrea il-protezzjoni akkordata lill-persuna li kontra taghha jkun hareg Mandat Kawtelatorju minhabba s-semplici fatt biss illi*

*tkun ingabet garanzija. Ma jidhirx illi s-sistema trid tippunixxi lil dik il-parti li jew ghaliex ikollha l-assi jew ghaliex trid tibqa' tiffunzjona ggib garanzija w allura ssib ruhha zvantaggjata fir-rimedji li kieku tista' titlob li kieku ma ngabitx il-garanzija tajba".*

Illi pero', fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali argument huwa ghal kollox zbaljat, stante li qed jipprezumi li l-effetti li l-Qorti tista' taghti taht l-**artikolu 836 (7)** huma l-istess bhal dawk kontemplati taht **l-artikolu 838 A** citat mir-rikorrenti, asserzjoni li ma hijiex korretta.

Illi dan qed jinghad peress min-naha l-wahda taht l-**artikolu 836 (7)** dak li l-Qorti tista' taghmel jekk issib li l-att kawtelatorju mahrug ma kellux jinhareg, huwa li fil-kaz li tkun saret il-garanzija, w allura l-att kawtelatorju ma jkunx ghadu jezisti bil-hrug tal-kontro-mandat relattiv, il-Qorti tista' tnaqqas l-ammont ta' garanzija provduta, mentri jekk ma tkunx saret l-istess garanzija, w allura l-Mandat Kawtelatorju jkun ghadu *in vigore* tordna r-revoka ta' l-att kawtelatorju.

Illi min-naha l-ohra fil-kaz tal-**artikolu 838 A** dak li l-Qorti tista' taghmel huwa biss li jekk tintwera gusta' kawza tordna lill persuna li tkun harget il-mandat li taghti garanzija xierqa sabiex tkopri l-ammont ta' penali, danni w imghax li jistghu jkunu dovuti u f'dan terminu hekk stabbilit u fin-nuqqas li tinghata l-istess garanzija fit-terminu hekk prefiss, *'tnehhi l-att kawtelatorju'.*

Illi mela allura minn dan jidher car li l-applikazzjoni tal-**artikolu 838 A** tipresopponi l-ezistenza tal-istess att kawtelatorju, ghaliex it-tnehhija tieghu hija l-unika sanzjoni moghtija mill-ligi fl-istess artikolu fl-eventwalita' li l-garanzija ordnata ma tigix prezentata kif u fit-terminu ordnat mill-Qorti.

Illi fil-fatt l-istess **artikolu 838 A** ma joffri ebda alternattiva' ta' kazi bhal ma joffri l-**artikolu 836 (7),** stante li dan ta' l-ahhar jipprospetta kemm is-sitwazzjoni fejn il-mandat kawtelatorju ma jkunx ghadu jezisti minhabba l-garanzija offruta, u r-rimedju huwa it-tnaqqis taghha, kif ukoll is-sitwazzjoni meta l-istess mandat jkun ghadu *in vigore,* fejn ir-rimedju huwa *invece* it-tnehhija tieghu.

Illi fil-fatt **l-artikolu 838A** joffri taht dan l-aspett ta' rimedju alternattiva wahda maqsuma f'zewg stadji, li l-persuna li tohrog il-mandat u li zammet il-mandat *in vigore* fl-ewwel lok taghti garanzija kif ordnata mill-Qorti u fit-tieni lok u dejjem fin-nuqqas li tinghata l-istess garanzija, li l-Qorti tordna it-tnehhija tal-Mandat Kawtelatorju, pero' din tinghata b'ordni unika.

Illi l-istess argument japplika ghall-**artikolu 866 tal-Kap 12,** stante li l-istess artikolu huwa replika tal-**artikolu 838 A** pero' f'kaz ta' mandat ta' impediment tas-safar ta' bastiment, ghalkemm f'dan il-kaz hemm minimu ta' garanzija imposta' ta' Lm3,000, mentri fl-**artikolu 838 A** ma

hemm l-ebda minimu. Hawn tidher iktar cara l-htiega tal-ezistenza tal-mandat ghall applikazzjoni tal-istess **artikolu,** ghaliex hija proprju l-ezistenza ta' tali impediment li jpoggi l-htiega tad-disposizzjoni simili ghal talba ta' garanzija idonea u fin-nuqqas tat-tnehhija tal-istess mandat.

Illi ghalhekk stabbilit il-premess, la darba huwa accettat u pacifiku bejn il-partijiet odjerni li l-Mandat ta' Sekwestru Numru 4907/99 datat 11 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet *"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"* ma ghadux fis-sehh konsegwenti ghac-Cedola ta' Depositu Numru 1125/99 tad-19 ta' Novembru 1999 u l-Kontro-Mandat relattiv datat ukoll 19 ta' Novembru 1999, mela allura r-rikors tas-socjeta' rikorrenti li huwa bbazat kompletament fuq l-**artikolu 838 A tal-Kap 12** ma jistax jigi milqugh, stante li tali artikolu jippresumi u jehtieg fl-applikazzjoni tieghu li tali mandat kawtelatorju jkun ghadu vigenti u *in vigore.*

Illi bla pregudizzju ghall-premess, jinghad ukoll li fi kwalunwke kaz il-*kawza gusta* kontemplata fl-istess **artikolu 838 A** ma giet bl-ebda mod ippruvata, stante li fl-ewwel lok ma ingabet l-ebda prova, u fil-fatt lanqas allegazzjoni li tali Kontro-Mandat b'xi mod inhareg abbuzivament jew ma kienx hemm almenu bazi ta' *prima facie* sabiex inhareg, (tant li fid-digrieti citati mir-rikorrenti fin-nota tieghu hemm indirettament riferenzi ghall-kawzali indikati fid-diversi subartikoli tal-**artikolu 836** fuq citat – ghalkemm jidher li l-*kawza gusta* imsemmija fl-**artikolu 838**

**A** tista' tkun usa mill-istess) u fit-tieni lok ma gie bl-ebda mod ippruvat li l-istess socjeta' rikorrenti soffriet xi danni kawza tal-hrug tal-istess mandat sakemm l-istess baqa' *in vigore* u dan ghal ftit jiem biss.

Illi fil-fatt u konsegwentement ghal dak li gie ritenut minn din il-Qorti iktar il-fuq, huwa il-perjodu tal-ezistenza tal-istess att kawtelatorju li jista' jaghti lok u li jrid jigi ezaminat ghal dak li huma penali jew danni fl-ambitu ta' kawza gusta hemm msemmija fl-istess **artikolu 838A**, u dan minhabba r-rimedji tat-tnehhija proprju tal-istess att kawtelatorju fin-nuqqas ta' provvediment ta' garanzija ordnati mill-Qorti u kontemplati fl-**artikolu 838 A.**

Illi 'n verita` u ghall-grazzja tal-argument biss jinghad li tul l-ezistenza tal-istess procedura odjerna r-rikorrenti ma pprova, lanqas fuq il-binarju ta' *prima facie* li huwa sofra xi dannu effettiv ghaliex dak minnu propost f'din il-kawza huwa ghal kollox ipotetiku u bbazat fuq *projections* u mhux danni rejali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1045 (1) tal-Kap 16** konsistenti f'telf effettiv, spejjez inkorsi sabiex tigi rimedjata l-hsara jew telf ta' qliegh iehor attwali, ghalkemm dan kollu huwa ezercizzju akkademiku, stante li kif fuq espost l-**artikoklu 838 A** ma huwiex applikabbli ghall-kaz *de quo* stante li l-att kawtelatorju *de quo* ma ghadux *in vigore.*

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimat odjern Joseph Demicoli fil-kuntest ta' dak indikat f'dan il-provvediment, **tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti Coleiro General Supplies Limited fir-rikors taghha tat-2 ta' Mejju 2000** stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-**artikolu 838A** mhux applikabbli ghall kaz in kwistjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' rikorrenti Coleiro General Supplies Limited.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2002**